

# IL-KNISJA WAQT IL-PANDEMIJA:

## *Tqabbil bejn ir-Rwol tal-Knisja waqt il-Kolera tal-1837 u l-Covid-19 tal-2020*

**Professur Joseph Galea**

Il-Knisja Kattolika kienet u għadha parti integrali tas-soċjetà Maltija mit-tmiem tal-ħakma tal-Għarab kważi elf sena ilu. Fi tliet mitt sena ta' tmexxija mill-kavallieri ta' San Ġwann il-Knisja kienet parti mill-Istat, u l-kleru Malti kien fuq quddiem fil-ġlieda tat-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta fl-1800. Il-Kanoniku Franġisku Saverju Caruana kien wieħed mill-mexxejja tal-Maltin u l-Arċipriet tal-Matriċi t'Għawdex Saverju Cassar kien il-kap tal-ġellieda Għawdxin. Meta l-Ingliżi ġew Malta r-rispett lejn il-fidi kattolika kien wieħed mill-punti l-iktar importanti fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Maltin. L-Ingliżi għarfu mill-ewwel il-poter tal-knisja u dejjem ippruvaw ma jiksruhiex magħha u b'hekk nibtet relazzjoni stramba bejn il-kolonjalist Protestant u l-kleru Kattoliku.[1] Mit-tieni gwerra dinjija sal-lum l-influwenza tal-Knisja fuq is-soċjetà Maltija bdiet tonqos bil-mod il-mod u llum nistgħu ngħidu li hemm separazzjoni evidenti bejn l-Istat u l-Knisja għalkemm il-poplu huwa fil-maġġoranza tiegħu Kattoliku.

F'din il-kitba ser nipprova nqabbel ir-rwol tal-Knisja u l-kleru fil-pandemija tal-kolera tal-1837 ma' dak li qed isir illum fil-pandemija tal-Covid-19. Fl-1837 it-tagħrif tax-xjenza medika kien rudimentali. Ma kienx hawn għarfien tal-eżistenza tal-mikrobi u kienu jaħsbu li l-mard kien jiġi minn arja ħażina. Kien hawn argumenti sħaħ bejn it-tobba jekk il-kolera kinitx tittieħed jew le. Testijiet ma kinux jeżistu u l-immaniġġjar tal-mard ma kienx mibni fuq bażi xjentifika. Ħafna drabi 'l-kura' kienet agħar mill-marda. Barra minn hekk il-poplu kien fqir, illitterat, injorant u jgħix fi ħmieġ kbir. Il-Knisja u t-tagħlim tagħha kienu l-unika tarka li kellhom. Is-sitwazzjoni tal-lum hija differenti ħafna. Ix-xjenza kibret u llum nifhmu eżatt x'jikkawża l-marda tal-Covid-19, nafu xi ħsara tagħmel lill-ġisem u nafu eżatt x'hemm bżonn li jsir biex ma tinxteridx. Però trattament speċifiku għaliha m'għandniex. Il-poplu Malti tal-lum jgħix f'ambjent iktar iġjeniku, jaf jaqra, jisma' u jifhem xi jrid jagħmel biex kemm jista' jkun jevita l-marda. Il-mezzi tax-xandir u l-medja soċjali jinfurmawh il-ħin kollu. Illum il-poplu u l-Gvern iħares lejn ix-Xjenza għall-għajnuna. Madankollu l-Knisja hija ta' sostenn għal ħafna nies u jsibu kenn fit-twemmin tagħhom u fit-talb.

### Ir-rwol tal-Isqof u l-Awtoritajiet tal-Knisja waqt il-*Kolera tal-1837*



*L-Isqof Franġisku Saverju Caruana (1831-1847)*

L-Isqof Franġisku Saverju Caruana (1759-1847) li kien ilu Isqof ta' Malta mill-1831 ħabbar li hawn l-imxija tal-kolera nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 1837 f'ittra pastorali li bagħat lill-kappillani biex tinqara waqt il-Quddiesa tal-Ħadd ta' wara. Dan kien erbat' ijiem qabel ma l-Gvernatur stqarr pubblikament li Malta kienet inħakmet mill-kolera. L-Isqof qal lill-fidili li l-kolera laqtet ix-xtut tagħna u talabhom sabiex *'nitolbu, nsumu u nwettqu attijiet ta' karità Kristjana oħra sabiex Alla jkollu ħniena minna, jaħfrilna dnubietna u jbiegħed il-kolera minn xtutna'*.[2] Fid-19 ta' Ġunju, l-Isqof Caruana ħareġ



*Ittra Pastorali ta' Francesco S. Caruar lill-kappillani Maltir u Għawdxin fil-15 ta' Ġunju 183 (Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof, Ittri Pastorali tal-Isqfijiet).*

ittra pastorali oħra li fiha ta permess lill-fidili li jieklu l-laħam nhar ta'Ġimgħa u nhar ta' Sibt sakemm ingħataw ordnijiet ġodda għaliex it-tobba kienu tawh il-parir li jekk wieħed jiekol laħam frisk ikun iktar f'saħħtu biex jiġġieled kontra l-kolera. Dak iż-żmien il-Knisja kienet tipprojbixxi ikel ta' laħam nhar ta' Ġimgħa, is-Sibt u lejliet il-festi. Madankollu, żied jgħid, dan ma japplikax lejlet il-festi ta' San Ġwann Battista (24 ta' Ġunju) u San Pietru u San Pawl (29 ta' 'Ġunju) li kienu qed joqorbu. Huwa ordna li minflok astinenza mil-laħam il-fidili għandhom jgħidu talb, jagħtu karità lill-fqar u dawk fil-bżonn u jwettqu għemejjel twajba oħra. Huwa talab ukoll lil *"Missierna,*



Ittra Pastorali tat-23 ta' Ġunju 1837 (Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof, Ittri Pastorali tal-Isqfijiet.*



*Ittra Pastorali tad-19 ta' Ġunju 1837 (Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof, Ittri Pastorali tal-Isqfijiet.*

*l-Appostlu Glorjuż San Pawl u lill-qaddisin patruni oħra li jipproteġu, jinterċedu mal-Mulej biex iwaqqfu din il-marda qerrieda "*[3]. Billi kien is-sajf u għalhekk l-istaġun tal-festi, l-awtoritajiet tal-Knisja raw li l-festi jsiru mingħajr ċelebrazzjonijiet. L-Isqof Caruana ħareġ Ittra Pastorali oħra fit-22 ta 'Ġunju[4] li permezz tagħha huwa talab lill-kappillani tad-djoċesi għat-talb mill-fidili biex iwaqqfu l-pjaga tal-kolera li kienet qed taffettwa partijiet tal-gżira ta' Malta. Huwa ordna '*la decantazione delle Litanie Maggiore ad ostium tabernaculi da farsi giornalmente la sera alle ore sei e mezza puntualmente, e cosi' precendentemente alla benedizione in tutte le Chiese Sagramentali'.* Fil-jum ta' wara, l-Isqof ħareġ notifika lill-konfessuri li hu kien jagħtihom permess biex jkunu jistgħu jaħfru dnubiet riservati.[5]

Il-kappillani kienu l-kuntatt ewlieni mal-poplu u meta l-Kumitat Mediku ta' Malta għall-prevenzjoni u t-trattament tal-kolera ħareġ struzzjonijiet għat-trattament tal-marda fit-22 ta' Ġunju, dawn inqraw u xterdu fil-lokalitajiet kollha ta' Malta permezz tal-kappillani.[6]

F'ittra li ġġib id-data tat-8 ta' Lulju, l-Isqof ordna li l-mejtin foqra u miżerabbli tal-kolera għandu jkollhom ir-riti funerali Kattoliċi Rumani bla ħlas fil-parroċċa li jagħmlu parti minnha qabel ma jindifnu. Madankollu, hu wkoll ta struzzjonijiet lill-kappillani biex joqogħdu attenti ħafna biex jassiguraw li l-qraba tal-persuna mejta ma kinux qed jippretendu li l-persuna mejta kienet fqira biex jevitaw li jħallsu d-dmirijiet tagħhom lill-parroċċa.[7]

Meta kien hemm żieda kbira fin-numru tal-każijiet ta' kolera u l-firxa tagħhom fuq il-gżejjer kienet ippubblikata mill-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta'Lulju 1837, l-Isqof Caruana ħareġ ittra pastorali ġdida (datata 21 ta' Lulju) li fiha kiteb li kien meħtieġ biex il-poplu jitlob *"quddiem it-tron tal-ħniena Divina biex tikseb il-grazzja tal-waqfien ta' din l-infezzjoni malinna, bl-istennija li talb speċjali jilħaq iktar il-widnejn ta' Alla".* Huwa ordna li fl-24 ta' Lulju tiġi ċċelebrata '*una messa cantata solenne - Pro Vitanda Mortalitate'* fil-knejjes kollha sagramentali, għall-bżonnijiet tal-popolazzjoni u b'suffraġju tal-erwieħ fil-Purgatorju.

Barra minn dan huwa ordna li l-*Colletta - Pro vitanda Mortalitate* tingħad kuljum inklużi fil-granet li fihom jiġu ċċelebrati l-festi tal-Ewwel Klassi.[8]

Hekk kif il-każijiet tal-kolera naqsu għal ċifri singoli fl-ewwel jiem ta' Settembru, l-Isqof kiteb ittra pastorali fil-5 ta' Settembru fejn qal li minn dakinhar il-laqgħat tan-nies għall-funzjonijiet Ewkaristiċi solenni jistgħu jerġgħu jibdew bil-mod tas-soltu.[9] F'digriet iffirmat fl-14 ta' Settembru 1837, l-Isqof iddikkjara li għalkemm l-epidemija tal-kolera kienet kważi spiċċat wieħed ma setax jgħid li kienet intemmet kompletament u għalhekk wara konsultazzjoni mat-tobba, iddeċieda li jġedded il-permess biex in-nies jieklu laħam frisk nhar ta'Ġimgħa, Sibt u lejliet il-festi.[10]



Ittra Pastorali tal-5 ta' Settembru 1837 (Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof, Ittri Pastorali tal-Isqfijiet.

## *Covid-19 fl-2020*

L-ewwel każ Malta kien fis-7 ta' Marzu 2020 u sat-12 ta' Marzu kien hemm disgħa persuni nfettati bil-Covid-19 virus. Meta fit-12 ta' Marzu l-Prim Ministru Robert Abela ħabbar l-għeluq tal-iskejjel, iċ-*Child Care Centres*, l-Università u d-*day centres* tal-anzjani, l-Arċisqof ta' Malta Charles Scicluna u l-Isqof t'Għawdex Mario Grech wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa, waqqfu l-funzjonijiet reliġjużi kollha, inkluż il-Quddies ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, u l-katekeżi tat-tfal, fl-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex. L-Isqfijiet taw lill-Insara dispensa mill-obbligu tal-Quddies ta' nhar ta' Ħadd. Din il-miżura ta' prekawzjoni ttieħdet għall-ġid komuni u biex jiġu mħarsa b'mod speċjali dawk l-aktar vulnerabbli. Fl-istess ħin il-Quddies beda jiġi trajmess diversi drabi kuljum permess tat-televiżjoni u midja soċjali. F'każ ta' funeral, is-saċerdot kellu jmexxi r-rit tat-tberik tal-fdalijiet fiċ-ċimiterju, peress li dan huwa post fil-miftuħ, fil-preżenza tal-qraba l-aktar stretti. Is-saċerdot imbagħad, fil-privat, joffri Quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-mejjet. Il-knejjes kienu jkunu miftuħin fil-ħinijiet tas-soltu għal mumenti ta' talb privat.[11]



Mons. Isqof Charles J. Scicluna (Arċisqof ta' Malta mill-2015)



L-Isqof Mario Grech (Isqof ta' Għawdex mill-2006-2020)

Fl-24 ta' Marzu, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex ordnaw li ma jsirux manifestazzjonijiet pubbliċi fil-Festa tad-Duluri, Ħadd il-Palm, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. Il-funzjonijiet tal-Ewwel Tqarbina u Griżma tal-Isqof li kien hemm ippjanati għal qabel is-Sajf ġew posposti għal data ndefinita.[12] Il-Festi tal-irħula u l-ibliet li kienu ippjanati sal-aħħar tas-sena 2020 ġew imħassra kollha iżda jekk l-awtoritajiet tas-saħħa jagħtu permess biex jinġabru n-nies f'attivitajiet pubbliċi f'kull okkażjoni ser ikunu limitati għal pellegrinaġġ ta' talb fil-vara u Quddiesa tal-festa ġol-knisja fil-ġurnata tal-festa biss. Ma jsirux ċelebrazzjonijiet oħra la interni u l-anqas esterni (Figura8). Nota maħruġa fl-14 ta' Mejju żiedet li l-festi titulari u sekondarji kellhom jiġu ċċelebrati bil-Quddiesa fil-jum liturġiku tagħhom biss.[13]Matul l-imxija tal-Covid-19, l-isqfijiet kienu jagħmlu talb speċjali għall-morda, għal qrabathom, għall-mejtin u għal dawk kollha li kienu jaħdmu fl-isptarijiet u dawk li jipprovdu servizzi essenzjali. Kienu wkoll kontinwament iħeġġu lin-nies biex jobdu d-direttivi tal-awtoritajiet tas-saħħa.

Il-każijiet tal-Coronavirus bdew jonqsu u fit-22 ta' Mejju l-Gvern beda jneħħi xi restrizzjonijiet billi fetaħ ir-ristoranti u l-kafetteriji bil-kundizzjoni li jintlibsu l-maskri u tinżamm is-*social distancing*. Il-kapijiet tal-Knisja f'Malta ħarġu direttivi fl-istess jum sabiex il-funerali jkunu jistgħu jsiru fil-knejjes kbar biss jew fuq iz-zuntier tal-knisja b'numru limitat ta' vistużi. Wara l-funeral kellha ssir diżinfettazzjoni tal-bankijiet u s-siġġijiet tal-knisja.[14]

CONFERENTIA EPISCOPALIS MELITENSIS

DIRETTIVI

Fid-dawl tas-sitwazzjoni maħluqa mill-pandemija tal-Covid-19:

Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir

Din is-sena, ma jsirux manifestazzjonijiet pubbliċi nhar id-Duluri u tul il-Ġimgħa Mqaddsa, inkluż Ħadd il-Palm, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir.

Se jintbagħtu direttivi dettaljati rigward iċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa, fid-dawl tad-digriet maħruġ mill-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti rigward il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira din is-sena ma jsirux. Dejjem jekk is-sitwazzjoni tkun tippermetti f'dak iż-żmien, il-pellegrinaġġ tad-Duluri jista' jsir f'Settembru b'rabta mal-Festa tad-Duluri nhar il-15 ta' Settembru.

L-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof li kienu ppjanati għal qabel is-sajf 2020 huma posposti għal aktar tard, meta s-sitwazzjoni titjieb u jkun possibbli li jibdew isiru mill-ġdid dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Festi

Il-festi kollha li kienu ppjanati li jsiru fil-parroċċi u fil-knejjes tal-aħħar ta' din is-sena (2020) jistgħu jsiru biss wara li l-awtoritajiet tas-saħħa jkunu taw il-permess li jistgħu jerġgħu jibdew nies f'attivitajiet pubbliċi, u f'kull każ, għal din is-sena 2020, isiru biss f'din il-forma:

Il-Ħadd biss (jew f'jum ta' festa pubblika) isir pellegrinaġġ ta' talb u ringrazzjament bil-vara meqjuma f'dik il-festa.

Dakinhar issir ukoll quddiesa tal-festa fil-knisja.

Ma jkunx hemm ċelebrazzjonijiet oħra interni jew esterni.

Aktar dettalji jingħataw skont kif tiżviluppa s-sitwazzjoni.

*Direttivi mogħtija mil-Isqfijiet rigward il-Funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-Għid il-Kbir, l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof u l-Festi Parrokkjali fl-24 ta' Marzu 2020*

**Ħidma mill-Knisja u minn reliġjużi fi żmien il-pandenemija *Kolera tal-1837***

Il-Gvernatur ta'Malta, Henry Bouverie żar l-Isptar Forti Ricasoli nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju u kien sodisfatt bl-arranġamenti mediċi u reliġjużi għall-morda bil-kolera.[15] Hu stqarr li *"kien bi pjaċir jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-disposizzjonijiet mediċi li kienu saru għall-kura tal-morda u bl-entużjażmu li bih iż-żewġ kappillani tal-forti qdew id-dmirijiet spiritwali tagħhom. Ħadd mill-vittmi tal-marda ma kienu mietu mingħajr il-konsolazzjoni reliġjuża fl-aħħar mumenti tal-ħajja tagħhom"*

Ħafna rġiel u nisa reliġjużi għamlu dmirhom b'imħabba u kompassjoni lejn il-morda u dawk li qed imutu. John Stoddart, il-Prim Imħallef f'Malta fi żmien il-kolera tal-1837 kiteb li kien hemm qassis Kattoliku Ruman, jismu Teuma, li kif sema' li infetaħ sptar kbir bil-morda tal-kolera fil-Belt Valletta, rebaħ il-biża' li kien ser jittieħed mill-morda, ħa s-sodda tiegħu fl-isptar, u baqa' hemm lejl u nhar, tul l-epidemija kollha biex jagħti l-Griżma tal-Morda u s-Sagramenti mqaddsa lil dawk li kienu qed isofru mill-kolera u b'hekk itaffilhom bil-grazzja dawk il-mumenti diffiċli waqt li jkunu qed iħallu dan il-wied ta' dmugħ. Stoddard iżid

li ma jafx jekk dan il-qassis eroj ġiex ippremjat f'din id-dinja iżda huwa ċert il-Mulej ser iħallsu fl-oħra.[16]

Sarah Austin fl-esej tagħha dwar il-kolera f'Malta iddikjarat li għalkemm kien hemm xi membri tal-kleru li kienu jibżgħu u l-paniku kien fil-poplu kollu, in ġenerali kien hemm ħafna saċerdoti li qdew dmirijiethom b'imħabba kbira. Hi kitbet "Il-patrijiet Kapuċċini qatt ma ħallew dmirijiethom, ħadmu bla waqfien u soffrew għejja kbira". Il-Kappillan tad-Dumnikani ma kien jgħejja qatt. Austin tikteb li kien jattendi mal-morda lejl u nhar mingħajr ma jieqaf. Austin tkompli li x-xogħol tas-saċerdoti żdied għaxar darbiet għax ħafna drabi t-tobba kull ma setgħu jagħmlu mal-marid kien li jordnaw il-vjatku.[17]

Is-Superjuri tal-kunventi fil-Belt Valletta pront offrew il-kooperazzjoni tagħhom billi bdew jagħmlu soppa bnina biex tingħata lill-foqra l-aktar bżonnjużi fi djarhom stess. L-ewwel tqassim sar nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 1837. Mill-Hadd 16 ta' Lulju sal-Erbgħa 19, tqassmu kuljum 1800, 200 u 1200 porzjon ta' ikel lill-foqra tal-Belt Valletta, il-Furjana u l-Birgu u l-Isla rispettivament.[18] Dan naqqas ftit mit-tbatija speċjalment lil dawk li kienu foqra fil-bliet taż-żona tal-port. Barra minn hekk il-Franġiskani Konventwali u l-Kapuċċini ġew mitluba mill-Isqof Caruana biex jgħinu jipprovdu servizzi lil xi parroċċi minħabba li numru ta' qassisin fl-irħula ta' Ħal-Lija, Naxxar, Għaxaq, Birkirkara u l-Imsida jew beżgħu jew ma kinux jifilħu jieħdu ħsieb il-merħla tagħhom.[19]

L-Arċipriet tal-Isla ta' dak iż-żmien, Mons Leopoldo Fiteni ilmenta fit-30 ta' Ġunju li kien hemm daqstant nies li qed imutu fil-parroċċa tiegħu li d-dsatax-il qabar vojta li kien fadallu ma kinux ser iservuh u li jekk in-numri jibqgħu jiżdiedu kien ikollu jiftaħ iċ-ċimiterju qadim tal-pesta.[20] Aktar tard huwa faħħar lill-qassisin tal-Parroċċa tiegħu speċjalment lill-Kanonku Jaochim Audibert [21] u kiteb li huma attendew lil min ibati bil-kolera b'ħeġġa u devozzjoni kbira[20]

### *Il-Covid-19 fl-2020*

Hekk kif il-ħaddiema tas-saħħa kienu qed jiġu imfaħħra bħala eroj, il-Knisja kellha l-eroj tagħha: sorijiet u saċerdoti li jirriskjaw il-mewt biex jakkumpanjanw lil ħuthom fit-tbatija u fil-mewt; u dawk li bil-ħeġġa jfittxu li jibagħtu messaġġ ta' tama anke meta l-knejjes huma magħluqin. Jekk qatt kien hemm żmien meta ħafna nies ħassew l-bżonn li jissaħħu bil-fidi, dan kien iż-żmien. Forsi l-iktar eżempju impressjonanti u b'saħħtu kien dak ta' Don Giuseppe Berardelli, il-kappillan Taljan ta' 72 sena li miet bil-Covid-19 f'Marzu 2020 wara li ta l-*ventilator* tiegħu, mixtri espressament għalih mill-parruċċani tiegħu, lill-pazjent iżgħar minnu li ma kienx jaf min hu.[22]

Il-mixja solitarja, impenjata u kostanti tal-Papa Franġisku sal-passi wesgħin ta' Pjazza San Pietru, li rat id-dinja kollha, biex jagħti l-barka *Urbi et Orbi* fis-27 ta 'Marzu saret metafora għall-Knisja, umli u fidila li takkumpanja t-tbatija, s-solitudni u l-abbandunati f'dan iż-żmien. Il-knejjes tad-denominazzjonijiet kollha kienu magħluqa, iżda l-midja soċjali ġabet il-konsolazzjoni tal-kumdità reliġjuża, anke jekk virtwali, għal ħafna iktar. Il-Quddiesa ta' kuljum filgħodu tal-Papa filgħodu kienet segwita minn nofs miljun ruħ.

F'Malta, il-parroċċi u ħafna entitajiet oħra tal-Knisja, kif ukoll gruppi ta' voluntiera ispirati mill-fidi tagħhom, waslu biex jindirizzaw il-bżonnijiet fiżiċi, emozzjonali, psikoloġiċi u spiritwali tan-nies. Hafna minn dan sar fis-skiet u lil hemm mill-attenzjoni. Is-saċerdoti Kapuċċini komplew jamministraw lill-morda fl-isptar Mater Dei, billi jissostitwixxu ċ-ċoqqa tagħhom għall-ilbies protettiv.

Il-Knisja ħadet ukoll azzjoni konkreta biex tiżgura s-saħħa tal-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom fid-djar tagħha. Ipprovdiet akkomodazzjoni temporanja lil 150 *carer* bħala parti mill-isforzi biex toffri l-assistenza tagħha waqt il-pandemija tal-koronavirus.[23]

Entitajiet tal-Knisja bħal *Caritas Malta* kienu fuq quddiem fl-għajnuna kemm psikoloġika kif ukoll materjali. Il-Caritas fetħet linji apposta biex tidentifika u tgħin lil min kien fil-bżonn u ħadmet fil-qrib ma' NGOs u Kappillani tal-parroċċi. B'dan il-mod *Caritas Malta* sabet nies vulnerabbli li kienu f'iktar riskju matul din il-kriżi. Dawn kienu jinkludu nies bi dħul baxx, anzjani li jgħixu waħedhom, ġenituri ta' tfal b'diżabilità, dawk bla dar, ħaddiema li spiċċaw bla paga, dawk b'mard mentali u tfal u nisa li kienu qegħdin fil-periklu ta' abbuż fid-djar tagħhom. Caritas ipprovdiet diversi għajnuniet soċjali fosthom il-koordinament u tqassim ta' madwar 500 ikla msajjra kuljum. Id-*Djakonija Unit* ta' *Caritas Malta* ikkordinat it-tqassim tal-ikel bil-kollaborazzjoni tal-kappillani minn parroċċi differenti, il-Fondazzjoni St Jean Antide, il-Fondazzjoni Sebħ, Paolo Freire Institute u l-Millenium Chapel. Caritas organnizzat roster ta' kuljum b'madwar erbgħin persuna li offrew ħinhom b'mod volontarju biex seta' jitqassam dan l-ikel b'mod sigur. Erba' *hubs* fil-parroċċi ta' Wied il-Għajn, Bormla, l-Iklin u Ħal Balzan huma ċentri li kienu jirċievu l-ikel u li minnhom voluntiera kienu jitilqu biex iqassmu l-ikel fuq l-għetiebi tal-persuni fil-bżonn b'mod li ma jkunx hemm kuntatt dirett uman.[24]Barra

minn hekk il-kappillani u l-arċiprieti ta' Malta u Għawdex wara li sabu nies vulnerabbli fiżikament, mentalment u finanzjarjament fil-parroċċi tagħhom, ħadu l-inzjattiva biex jagħtu l-għajnuna li kien hemm bżonn b'mod individwali u privat.

L-Isqof t'Għawdex għamel inizjattiva biex jinxtara *ventilator* għall-isptar t'Għawdex u f'ġimgħatejn nġabret is-somma ta' iktar minn 60,000 euro, meta l-*ventilator* kien jiswa 50,000 euro.[25]

**Konklużjoni**

Kien f'sitwazzjonijiet bħall-epidemija tal-kolera li l-Knisja Kattolika ddistingwiet ruħha bħala l-protettur aħħari tal-popolazzjoni Maltija. Il-gvern ta' dak iż-żmien għen b›xi fondi ta' eżenzjoni imma kienu l-organizazzjonijiet tal-Knisja li ħarġu kollha biex jgħinu lil dawk milquta. Il-kappillani madwar il-pajjiż stinkaw biex itaffu t-tbatijiet tal-foqra u l-batuti fil-parroċċi tagħhom. Minkejja li l-maġġoranza tal-popolazzjoni kienet imwerwra mill-attakki tal-kolera, kienu partikolarment il-patrijiet Kapuċċini, li wrew l-eroiżmu tal-fidi Kristjana.

Fiż-żmien kurrenti, il-Gvern għen biex itaffi l-effetti ekonomiċi tal-Covid-19 għalkemm din l-għajnuna ma laħqitx lil kulħadd. Dawk li diġà kellhom il-problemi kienu l-iktar vulnerabbli u kienu l-iktar li kellhom bżonn l-għajnuna. Il-Knisja u l-organizazzjonijiet tagħha għamlu kemm setgħu biex itaffu din it-tbatija speċjalment bil-għajnuna tal-volontarjat. COVID-19 hija opportunità għall-Knisja. Minn din il-kriżi jista' joħroġ l-isptar tal-emerġenza tar-ruħ u t-tbatija li l-Papa Franġisku kien ippjana fil-bidu tal-ministeru tiegħu.

**Referenzi**


1. Hilda Lee, British policy towards religion, ancient laws and customs in Malta 1824-1851. *Melita Historica*, 3, number 4, (1963), p. 2.
2. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tal-15 ta' Ġunju 1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fol. $237^{V}$-$237^{r}$.
3. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tad-19 ta' Ġunju 1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fols $238^{V}$-$239^{V}$
4. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tat-22ta' Ġunju1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fols $241^{V}$-$241^{r}$
5. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tat-23ta' Ġunju1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fols $244^{V}$-$244^{r}$.
6. *Government Gazette,* 28 ta' Ġunju 1837, p. 229.
7. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tat-8 ta' Lulju 1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fols $245^{V}$-$245^{r}$.
8. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tal-21ta' Lulju1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fols $248^{V}$-$249^{V}$.
9. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tal-5ta' Settembru1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fol. $253^{V}$.
10. Floriana, Malta, Arkivji tal-Kurja tal-Isqof. Ittri Pastorali tal-Isqof tal-14ta' Settembru1837, MS Editti, 16 (1834-1841), fol. $256^{V}$.
11. https://knisja.mt/direttivi-tal-isqfijiet-dwar-il-quddies/ (12/03/2020).
12. http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2020/INFORMATION/Direttivi%20għac-celebrazzjoni%20tal-Gimgha%20Mqaddsa%202020_final.pdf (24/03/2020)
13. http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2020/INFORMATION/Nota.pdf (14/05/2020)
14. https://knisja.mt/direttivi-dwar-il-quddiesa-tal-funeral/. (22/05/2020)
15. *Government Gazette,* 28 ta' Ġunju 1837, p. 233.
16. Giovanni M. Stilon, *The Cholera at Malta in 1837,* (translated by Seth B. Watson) (London: Churchill, 1848), pp.15-16.
17. Sarah Austin, 'The cholera in Malta', in *Fraser's Magazine for Town and Country,* ed. James A Froude (Longmans, Green and Co, London, 1866), Volume 73 (January issue, Number 433), p. 101.
18. *Government Gazette,* 19 ta' Lulju 1837, p. 261.
19. Ġorġ Aquilina, *Il-Franġiskani Maltin.* (2011) (Malta: Midsea Books, 2011), p. 203.
20. Pisani S., Malta Cholera Epidemic in 1837. *St Luke's Hospital Gazette,* 5 (1970), 150-156.
21. V. Bugeja, *Li Storia tal-Bambina*, Malta, p. 31.
22. https://www.bbc.com/news/world-europe-52015969. (25/03/2020).
23. https://timesofmalta.com/articles/view/church-to-house-150-carers-amid-covid-19.785228 (14/04/2020).
24. https://www.caritasmalta.org/caritas-malta-covid-19-rispons-ta-emergenza/ (30/04/2020).
25. https://gozo.news/82771/over-e50000-raised-by-the-church-in-gozo-to-purchase-a-ventilator/ (8/05/2020).